## KEBAB TA' FONZU

### X'għandek bżonn

Werqa ħassa
Nofs tuffieħa safra
Nofs ġbejna bajda
2 għenbiet suwed
2 għenbiet ħodor
2 frawliet
2 tadamiet żgħar

*Chopping board*
Sikkina
Platt
2 stikek tal-*kebabs*

### X'għandek tagħmel

1. Aħsel il-frott u l-ħaxix.
2. Qatta' l-ħass fi strippi u agħmlu fi platt.
3. Poġġi t-tuffieħa n-naħa ċatta fuq il-ħass.
4. Aqta' l-ġbejna f'erba' biċċiet.
5. Fuq stikka daħħal għenba sewda, frawla, biċċa ġbejna, għenba ħadra, biċċa ġbejna u tadama.
6. Agħmel l-istess fuq l-istikka l-oħra.
7. Waħħal il-*kebabs* fit-tuffieħa.





## ŻOMMU F'MOĦĦKOM ...

- Qabel ma tibdew issajru aħslu idejkom sew u araw li l-wiċċ fejn ser tpoġġu l-ikel huwa nadif.
- Ilbsu fardal u agħttu jew orbtu xagħarkom.
- Meta qed tużaw frieket u skieken ġorruhom u żommuhom bil-galbu.
- Aqtgħu fuq *chopping board*, mhux fuq il-mejda.
- Meta ser tużaw xi ħaġa li taħdem bl-elettriku għidu lil xi ħadd kbir biex jgħinkom.
- Meta tridu dduqu l-ikel użaw kuċċarina u mhux tbillu subgħajkom...u imbagħad terġgħu tbilluh!

